

31991D0453

30.8.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 241/43

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**  
**tat-30 ta' Lulju 1991**  
**li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv fuq id-Dwana u t-Taxxa Indiretta**

(91/453/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

*Artikolu 1*

Billi Kumitat Konsultattiv fuq Kwistjonijiet tad-Dwana kien stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 73/351 <sup>(1)</sup>, kif emendata bid-Deċiżjoni 86/565/KEE <sup>(2)</sup>, biex jikseb l-opinjoni ta' ċrieki professjonali u tal-konsumatur fuq problemi li joħorġu mit-tħaddim tal-unjoni doganali;

Għandu jkun hemm flimkien mal-Kummissjoni, Kumitat Konsultattiv fuq id-Dwana u t-Taxxa Indiretta, minn hawn 'il quddiem msejjaħ il-"Kumitat".

Billi ma jeżisti l-ebda forum biex jirrappreżenta interessi professjonali fuq kwistjonijiet ta' taxxa indiretta; billi għandha ssir dispożizzjoni għall-konsultazzjoni ta' partijiet interessati fuq dawn il-kwistjonijiet;

Għandu jkun kompost minn rappreżentanti mill-kategoriji li ġejjin: l-industrija, l-agrikultura u s-sajd, il-kummerċ, it-trasport, l-assigurazzjoni u l-banek, l-aġenti tad-dwana (inkluż il-*forwarding agents*), it-turiżmu, il-qasam tax-xogħol, il-konsumaturi u azjendi ta' daqs żgħir u medju.

*Artikolu 2*

Billi qed jidher ċar fid-dawl tal-esperjenza li hemm bżonn ta' tibdiliet fl-istruttura u l-ħidma tal-Kumitat Konsultattiv biex jippermettilu jikkonċentra aktar effettivament fuq dawk l-aspetti tal-politika tal-Komunità fuq id-dwana u t-tassazzjoni li l-Kummissjoni u l-Kumitat innifsu jixtiequ jiżviluppaw fid-dettall;

Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu lill-Kummissjoni fuq il-materji kollha li jirrigwardaw il-politika tad-dwana, il-VAT u s-sisa, jew fuq talba tal-Kummissjoni jew fuq l-inizjattiva tiegħu.

*Artikolu 3*

Billi għandu jitwaqqaf Kumitat Konsultattiv fuq id-Dwana u t-Taxxa Indiretta, b'inkarigu li jirrifletti dawn il-preokkupazzjonijiet ġodda;

1. Il-Kumitat għandu jkollu 19-il membru.

Billi r-regoli ġodda tal-proċedura tal-Kumitat għandhom jirriflettu esperjenza mgħoddija,

2. Is-siġġijiet għandhom ikunu allokatu kif ġej:

- tlieta lil rappreżentanti tal-industrija,
- tnejn lil rappreżentanti tal-agrikultura u s-sajd,
- tnejn lil rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tal-kummerċ,

<sup>(1)</sup> ĠU L 321, tat-22.11.1973, p. 37.

<sup>(2)</sup> ĠU L 331, tal-25.11.1986, p. 18.

- tnejn lil rappreżentanti tal-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija,
- tnejn lil rappreżentanti tat-trasport,
- wieħed lil rappreżentant tal-banek u l-assigurazzjoni,
- tnejn lir-rappreżentanti tal-aġenti tad-dwana (inkluż il-forwarding agents),
- wieħed lil rappreżentanti tal-korpi tat-turiżmu,
- wieħed lil rappreżentant tal-qasam tax-xogħol,
- tnejn lil rappreżentanti tal-konsumaturi
- wieħed lil rappreżentant tal-azjendi ta' daqs żgħir u medju.

#### Artikolu 4

Il-membri tal-Kumitat għandhom jinħatru mill-Kummissjoni.

Il-korpi tal-livell komunitarju jew internazzjonali professjonali jew tal-konsumaturi l-aktar rappreżentattivi tal-attivitàjiet affettwati mill-kwistjonijiet tad-dwana u tat-taxxa għandhom jipproponu żewġ kandidati lill-Kummissjoni, ta' nazzjonalitajiet differenti tal-Istati Membri, għal kull siġġu allokat lilhom.

#### Artikolu 5

Għandu jinħatar deputat għal kull membru tal-Kumitat, bil-metodu deskritt f'Artikolu 4.

Mingħajr preġudizzju għal Artikolu 9, id-deputati għandhom ikunu preżenti fil-laqgħat tal-Kumitat u għandhom jieħdu parti fil-proċeduri tiegħu biss meta l-membri li jagħmlu minflokmom ma jkunux jistgħu jagħmlu hekk.

#### Artikolu 6

Il-kariga għall-membri tal-Kumitat għandha tkun ta' tliet snin. Din tista' tiġġedded.

Wara li jagħlqu t-tliet snin, il-membri għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm jinbiddu jew il-ħatra tagħhom tiġġedded.

Il-kariga ta' membru għandha tispiċċa qabel ma jagħlqu tliet snin fil-każ tar-riżenja tiegħu, jekk jspicċa mill-organizzazzjoni li jirrappreżenta, jew b'mewtu. Tista' tispiċċa ukoll meta l-organizzazzjoni li tipproponih titlob li jinbidel.

Persuna għandha tinħatar skond il-proċedura preskritta f'Artikolu 4 biex tibdel dak il-membri għal bqija tal-kariga.

Il-membri m'għandhomx ikunu mħallsa għas-servizzi tagħhom.

#### Artikolu 7

Lista ta' membri u deputati għandha tkun pubblikat mill-Kummissjoni, għall-finijiet ta' informazzjoni, fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

#### Artikolu 8

Il-Kumitat għandu jtella' president u żewġ viċi presidenti għall-tliet snin. L-elezzjoni għandha tinħtieġ maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri preżenti. Il-membri eletti għandhom ikunu l-uffiċjali tal-Kumitat.

Il-Kumitat għandu jeliġi uffiċjali oħra minn fost il-membri tiegħu, ukoll b'maġġoranza ta' żewġ terzi.

L-uffiċjali għandhom jippreparaw u jorganizzaw ix-xogħol tal-Kumitat.

#### Artikolu 9

Il-Kumitat jew id-dipartimenti tal-Kummissjoni konċernati jistgħu jistiednu kull persuna bi kwalifiki speċjalisti biex jieħdu sehem fil-proċeduri tiegħu bħala espert fuq materja partikolari fl-aġenda. L-esperti għandhom jieħdu sehem biss f'diskussjonijiet ta' dawk il-materji li fir-rigward tagħhom kienu mistiedna.

#### Artikolu 10

Il-Kumitat jista' jistabbilixxi gruppi tax-xogħol.

#### Artikolu 11

1. Il-Kumitat għandu jissejjaħ mill-Kummissjoni u għandu jiltaqa' fil-kwartieri ġenerali tal-Kummissjoni. Laqgħat tal-uffiċjali għandhom jiltaqqgħu mill-president b'arranġament mal-Kummissjoni.

2. Rappreżentanti tad-dipartimenti tal-Kummissjoni konċernati għandhom jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Kumitat, tal-uffiċjali tiegħu u tal-gruppi tax-xogħol.

3. Servizzi segretarjali għall-Kumitat, l-uffiċjali tiegħu u l-gruppi ta' ħidma għandhom ikunu provduti mill-Kummissjoni.

#### Artikolu 12

L-ebda vot m'għandu jittieħed fuq kwistjonijiet diskussi mill-Kumitat.

Il-Kummissjoni tista', meta titlob l-opinjoni tal-Kumitat, tiffissa terminu meta din l-opinjoni tista' tingħata.

Il-veduti mfissra mill-kategoriji rappreżentati għandhom ikunu reġistrati fil-minuti, li għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni.

Meta jkun hemm qbil unanimu fil-Kumitat fuq l-opinjoni li għandha tingħata, il-Kumitat għandu jabbozza konklużjonijiet konġunti, li għandhom ikunu meħmuża mal-minuti.

*Artikolu 13*

Meta l-Kummissjoni tinforma l-membri tal-Kumitat li opinjoni mitluba jew kwistjoni mqajma tirrigwarda kwistjonijiet ta' natura konfidenzjali, il-membri għandhom ikunu taħt l-obbligu li ma jikxfux l-informazzjoni li jkunu kisbu bix-xogħol tal-Kumitat jew il-gruppi tax-xogħol.

F'dawn il-każijiet, il-membri tal-Kumitat u r-rappreżentanti tad-dipartimenti tal-Kummissjoni konċernati biss jistgħu jkunu preżenti fil-laqgħat.

*Artikolu 14*

Id-Deċiżjoni 73/351/KEE hija b'din imħassra.

*Artikolu 15*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-30 ta' Lulju 1991.

Magħmula fi Brussell, it-30 ta' Lulju 1991.

*Għall-Kummissjoni*

Christiane SCRIVENER

*Membri tal-Kummissjoni*